MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 624/2004

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogata fid-drittijiet ta' Joseph Agius u l-istess Joseph Agius**

**vs**

**Philip Grima**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, erba mija u sitta u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1,446.68) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku li sehh San Giljan fis-27 ta' Settembru 2003 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 402 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LUM 001 propjeta' tal-attur ghall-liema ncident kien responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar 2004 (b’zewg notifiki) u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligjiet ta’ Malta u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Rsipsta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-eccipjent m’huwiex responsabbli ghall-incident.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Agius, Anthony Mizzi u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta’ Setembru 2003 fil-*car park* ta’ Penders Place, San Giljan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LUM 100 misjuqa minn Mark Agius u assikurata taht polza ta’ assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* mas-oscjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 402 misjuqa mill-konvenut.

Mark Aguis xehed li dakinhar tal-incident huwa kellu l-vettura tieghu parkeggjata fl-imsemmi *car park* f’San Giljan. Huwa ried johrog mill-*parking space* u ra l-vettura tal-konvenut ghaddejja minn quddiemu u din waqfet madwar zewg metri l-boghod minn fejn huwa kien parkeggjat. Huwa haseb li din il-vetura riedet tidhol minfloku. Agius jghid li hares jekk kienx hemm vetturi ohra quddiemu  u beda hiereg mill-*parking space* bil-moghod. Malli beda hiereg huwa ra l-vettura tal-konvenut tirriversja ghal fuqu u din laqtitu fuq il-*mudguard* tan-naha tax-xellug ta’ quddiem hdejn ir-rota. Bid-daqqa il-vettura ta’ Agius

giet imbuttata gewwa vettura ohra li kienet parkeggjata ma genbu.

Il-konvenut min-naha l-ohra xehed li dakinhar tal-incident huwa dahal fil-*car park* ta' Penders Place u kien qed ifittex *parking space*. Huwa dahal bejn zewg fillieri ta' karozzi parkeggjati u meta wasal fit-tarf sab hajt u ghalhekk ma setghax idur mal-veturi u kellu jirriversja. Huwa beda jhares lura u jirriversja meta f'daqqa wahda harget vettura mill-*parking space* fuq in-naha tax-xellug tieghu u sehh l-impatt. Il-konvenut isostni li huwa kien ilu jirriversja madwar tul ta' sitt vetturi parkeggjati lagenba meta sehh l-impatt. Huwa jghid li laqat il-vettura ta' Agius bil-kantuniera ta' wara tan-naha tax-xellug u laqtu fll-kantuniera tax-xellug, fil-genb. Il-konvenut isostni li fl-ebda mument ma ra dwal li setghu jigbdulu l-attenzjoni li xi hadd kien hiereg minn *parking space*.

Wara ezami bir-eqqa tal-provi prodotti mil-partjiet it-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewweiqa nvoluti fl-incident de quo huma t-tnejn responsabbli ghall-akkadut u dan fi kwoti ndaqs (50-50). Mark Agius kien negligenti fis-sewqan tieghu ghaliex huwa ma zammx *a proper lookout* qabel ma beda hiereg minn *parking space* biex b'hekk ma ndunax bil-vettura tal-konvenut li kienet qed tiriversja fid-direzzjoni tieghu u li kienet ilha tirriversja b'dan il-mod ghal tul ta' sitt vetturi parkeggjati lagenba. Min-naha l-ohra l-konvenut huwa wkoll responsabbli ghaliex ma ezercitax il-kawtela rikjesta minn sewwieq prudenti li jkun qed jirriversja. Il-manuvra tar-*reverse* hija manuvra straordinarja u min ikun qed jaghmel din it-tip ta' manuvra ghandu jaccerta ruhu li jaghmel dan minghar ma johloq perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Fil-kaz odjern it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ma ezercitax din it-tip ta' kawtela ghaliex huwa naqas milli jinduna li Mark Agiius kien hiereg mill-*parking* u naqas milli jieqaf fil-hin sabex jigi evitat l-impatt.

Il-quantum tad-danni mitlub mill-atturi gie kwantifikat fis-somma ta' Lm1,446.68 u l-atturi producew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talba taghhom liema dokumenti jidhru li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh

l-incident tmertu tal-kawza. Peress li z-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident de quo gew ritenuti ugwalent responsabbli il-konvenut ser jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ seba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erba’ u tletin centezmu (Lm723.34).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ seba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u erba’ u tletin centezmu (Lm723.34), bl-imghax fuq dan l-ammont pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviiz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partjiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------